MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 58/2010

**Joseph Grech**

**Vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Joseph Grech, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 445871(M), fil-21 ta' Dicembru 2010, permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal jirrevoka d-decizjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta datata 23 ta' Novembru 2010, li timponi fuqu penali amministrattiva ta' hamsin Euro (€50) u hames punti ta' penali ghall-ksur tar-Regolament 51 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri, Legislazzjoni Sussidjarja 499.56;

Ra ir-Risposta ta’ l-Awtorità ghat-Trasport f’Malta permezz ta’ liema topponi ghat-talba tar-Rikorrent u titlob li l-istess tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu, stante li: (i) in linea preliminari, ai termini ta’ l-Att XV ta’ l-2009 isem l-Awtorità intimata huwa Awtorità ghat-Trasport f’Malta u ghalhekk ghandha ssir il-korrezzjoni relattiva fl-atti ta’ dawn il-proceduri; u (ii) fil-meritu, it-talba tar-Rikorrent ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li d-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata;

Sema’ x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta tal-11 ta’ April 2011[1] u x-xhieda ta’ Antoine Grech, Enforcement Officer ma’ l-Awtorità intimata, moghtija waqt is-seduta ta’ l-4 ta’ Ottubru 2011[2];

Sema’ t-trattazzjoni da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra:**

Mir-Rikors promotur jirrizulta li bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jattakka decizjoni ta’ l-Awtorità intimata datata 23 ta’ Novembru 2010, li biha gew imposti fuqu penali amministrattiva ta’ €50 u hames punti ta’ penali ghall-ksur tar-Regolament 51 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta’ Garr ta’ Passiggieri, Legislazzjoni Sussidjarja 499.56. Mill-istess Rikors fil-fatt jirrizulta li l-penali amministrattiva u l-punti ta’ penali gew imposti fuq ir-Rikorrent ghaliex skont l-Awtorità intimata fit-18 ta’ Mejju 2010 fi Triq il-Konvoj ta’ Santa Marija, Mqabba, ghall-habta tat-3:00p.m., ir-Rikorrent *qua* xufier tal-vettura bin-Numru ta’ Registrazzjoni IMY-341 ghamel uzu minn apparat ta’ smigh bi ksur appuntu ta’ l-imsemmi Regolament. Ir-Rikorrent jikkontesta din id-decizjoni in bazi ghall-pretensjoni li *l-allegazzjoni ta’ l-Awtorità m’hija xejn hlief kaz ta’ zball fl-identità tax-xufier u dana peress illi l-esponent ma’ ghandu l-ebda vettura b’tali numru ta’*

[1] Fol. 14 tal-process.
[2] Fol. 17 u 18 tal-process.

*registrazzjoni,* u ghaldaqstant jitlob li l-istess decizjoni tigi revokata.

L-Awtorità intimata topponi ghat-talba tar-Rikorrent in bazi ghall-eccezzjoni li d-decizjoni kontestata hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata. Jigi rilevat li ghalkemm l-Awtorità intimata ssollevat eccezzjoni preliminari fis-sens illi ai termini tal-Ligi l-isem korrett taghha huwa Awtorità ghat-Trasport f'Malta, din l-eccezzjoni giet indirizzata u sorvolata bid-Digriet datat 11 ta' April 2011 li bih giet ordnata l-korrezzjoni opportuna w l-Awtorità intimata giet indikata bhala Awtorità ghat-Trasport f'Malta fl-okkju tal-proceduri u kull fejn opportun fl-atti tal-kawza. B'hekk it-Tribunal mhux se jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dik l-eccezzjoni u se jikkonsidra t-talba tar-Rikorrent fid-dawl ta' l-eccezzjoni fil-meritu sollevata mill-Awtorità intimata.

F'dawn il-proceduri xehdu r-Rikorrent[3] u Antoine Grech, Enforcement Officer ma' l-Awtorità intimata[4]. Ir-Rikorrent essenzjalment ikkonferma li *l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IMY 341 mhijiex proprjetà tieghi. Qed nigi mistoqsi jekk jiena din il-vettura ghalkemm mhix tieghi insuqhiex, nghid illi le. Jiena ghandi xoghol fis-sens ghandi proprjetà ta' xarabanks izda dawn ix-xarabanks ma nsuqhomx jiena izda ghandi n-nies mieghi li jaghmlu dan ix-xoghol. Nerga' nghid li x-xarabank bin-numru IMY 341 mhijiex proprjetà tieghi.* Antoine Grech xehed illi *fit-18 ta' Mejju 2010 ghall-habta tat-tlieta u ghaxra ta' wara nofsinhar kont qed nidderiegi t-traffiku fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, l-Imqabba. Jiena kont hemmhekk peress li f'dik it-triq kienu qed jaghtu t-tarmac. Minhabba dawn ix-xoghlijiet kont qed nidderiegi t-traffic biex jghaddi minn service road parallel mat-triq principali. Ovvjament it-traffic kien qed jimxi ftit bil-mod billi jibdew jingemghu l-karozzi. Kien hemm van ahmar wieqaf madwar hamsin metru boghod minn fejn kont bil-wieqfa jiena. Dan il-van kien fil-flow tat-traffiku izda hin minnhom waqaf, it-traffiku ta' quddiemu mexa hu baqa' wieqaf u kellu l-vetturi warajh. Tal-van x'hin ra hekk beda jsuq u jiena rajt lix-xufier bil-mobile f'idu. Ghamilt sinjal lix-xufier biex inehhi l-mobile u*

[3] Seduta tal-11 ta' April 2011, fol. 14 tal-process.
[4] Seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2011, fol. 17 u 18 tal-process.

*jkompli jsuq, madanakollu hu injorani, ghalhekk jiena waqqaftu u hadtlu l-particulars li huma: Joseph Grech, identity card number 293972(M)*[5] *kien qed isuq il-vettura Fiat Ducato bin-numru tar-registrazzjoni IMY 346*[6]*. In-numru li ghandu dan il-van fis-sistema bhal speci ta' ID numru ta' dan l-istess van huwa 487407. Fuq domanda tat-Tribunal biex nirrepeti r-registration number tal-vettura, nikkonferma li huwa IMY 346*[7]*. Kif waqqaft lix-xufier ghedtlu li kont ser nirrappurtah ghal din il-kontravenzjoni, fil-fatt huwa oggezzjona u fil-fatt qalli li jiena ghamiltlu s-sinjal li seta' jkompli jsuq bil-mobile. Dan assolutament mhuwiex minnu, li jkompli jsuq.*

Meta x-xhieda ta' Antoine Grech tigi kkunsidrata fid-dawl ta' dak dikjarat mir-Rikorrent fir-Rikors promotur u fix-xhieda tieghu immedjatament jirrizultaw zewg diskrepanzi bejn dak riskontrat minn Antoine Grech dakinhar tat-18 ta' Mejju 2010 u dak affermat mir-Rikorrent. In effetti jirrizulta li dakinhar tat-18 ta' Mejju 2010 fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Mqabba,  Antoine Grech waqqaf lil certu Joseph Grech detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 293972(M), li kien qed isuq il-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni IMY 346, filwaqt li r-Rikorrent huwa detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 445871(M) u l-vettura li jsemmi fir-Rikors u fix-xhieda tieghu u li jghid illi ma hijiex proprjetà tieghu ghandha Numru ta' Registrazzjoni IMY 341.

Ghalkemm ir-Rikorrent jishaqq li l-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni IMY 341 ma hijiex di proprjetà tieghu ma jghid xejn dwar il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni IMY 346 li jidher li hi l-vettura li twaqqfet minn Antoine Grech dakinhar tat-18 ta' Mejju 2010. Madanakollu però it-Tribunal ma jistax jghid liema miz-zewg Numri ta' Registrazzjoni gie effettivament citat mill-Awtorità intimata fid-decizjoni taghha tat-23 ta' Novembru 2010 ghaliex din id-decizjoni ma gietx ipprezentata minn ebda wahda mill-partijiet kontendenti. Lanqas ma gew ipprezentati l-ittra ta' l-Awtorità lir-Rikorrent datata 18 ta' Awwissu 2010 u r-

[5] Sottolinear tat-Tribunal.
[6] Sottolinear tat-Tribunal.
[7] Sottolinear tat-Tribunal.

Risposta tar-Rikorrent ghal dik l-ittra datata 31 ta' Awwissu 2010. B'hekk l-Identità tal-vettura li twaqqfet minn Antoine Grech dakinhar tat-18 ta' Mejju 2010 u jekk din hijiex di proprjetà tar-Rikorrent jew le, ma jistghux jigu determinati.

Madanakollu però hemm aspett iehor li jrid jigi kkunsidrat fil-kwistjoni odjerna u cioe l-Identità tax-xufier li kien qed isuq il-vettura li twaqqfet minn Antoine Grech dakinhar tat-18 ta' Mejju 2010, u dana peress illi huwa x-xufier tal-vettura li tigi mwaqqfa minn ufficjal ta' l-Awtorità intimata li jrid jirrispondi ghall-ksur tar-Regolament 51 tar-Regolamenti Dwar is-Servizz ta' Garr ta' Passiggieri, Legislazzjoni Sussidjarja 499.56. Dan johrog car mill-istess Regolament 51 u mir-Regolament 108(3) u (4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 li rispettivament jipprovdu illi: *l-ebda xufier ma ghandu jsuq xi vettura ghall-garr ta' passiggieri waqt li jkun liebes jew qed juza earphones f'widnejh it-tnejn jew headphones jew xi taghmir iehor li jista' jfixkel jew x'aktarx ifixklu milli jisma' sew, minbarra s-sistemi ta' komunikazzjoni bejn zewg nahat u taghmir handsfree* [Regolament 51]; *l-Awtorità ghandu jkollha s-setgha fid-diskrezzjoni taghha li timponi l-penalitajiet amministrattivi preskritti fil-Kolonna 3 tad-Disa' Skeda u l-punti ta' penali korrispondenti kkalkulati skond is-subregolament (4) kull xufier*[8] *li jikser id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti inkluzi fil-Kolonna 1 tad-Disa' Skeda. ... L-Awtorità ghandha timponi punti ta' penali ghal kull ghaxar Euro (€10) jew parti minnu impost fuq persuna bhala penali amministrattiva skond dan is-subregolament* [Regolament 108(3) u (4)]. Mid-Disa' Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 jirrizulta li ghall-ksur tar-Regolament 51 ix-xufier jehel penali amministrattiva ta' €50 u skond ir-Regolament 108(4) jehel ukoll hames punti ta' penali, ossia l-istess penalitajiet imposti fuq ir-Rikorrent.

Kif gia iktar 'l fuq osservat il-persuna li waqqaf Antoine Grech dakinhar tat-18 ta' Mejju 2010 kien certu Joseph Grech, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru

[8] Sottolinear tat-Tribunal.

293972(M), filwaqt illi r-Rikorrent ghandu Karta ta' l-Identità bin-Numru 445871(M) kif jirrizulta mir-Rikors promotur u mhux kontestat mill-Awtorità intimata. B'hekk huwa evidenti li l-persuna li Antoine Grech waqqaf fit-18 ta' Mejju 2010 fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Mqabba, ghaliex kien qed isuq vettura ghall-garr ta' passiggieri waqt li kien qed juza *mobile phone* ma kienx ir-Rikorrent izda kienet persuna ohra. Isegwi ghalhekk illi r-Regolament 51 tar-Regolamenti Dwar is-Servizz ta' Garr ta' Passiggieri ma giex vjolat mir-Rikorrent izda se mai minn persuna ohra u konsegwentement ir-Rikorrent ma jistax u ma ghandux jigi misjub hati u penalizzat ta' xi haga li ma ghamilx.

Ghaldaqstant, kienet liema kienet il-vettura li twaqqfet minn Antoine Grech dakinhar tat-18 ta' Mejju 2010 fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, l-Imqabba, ix-xufier ta' dik il-vettura zgur ma li kienx  ir-Rikorrent. B'hekk kuntrarjament ghal dak pretiz mill-Awtorità intimata d-decizjoni taghha fil-konfront tar-Rikorrent ma hijiex wahda gusta u valida u ghaldasqtant it-talba tar-Rikorrent biex dik id-decizjoni tigi revokata tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Awtorità intimata, jichad it-tieni eccezzjoni ta' l-istess Awtorità intimata u jilqa' l-Appell tar-Rikorrent u konsegwentement jirrevoka d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata datata 23 ta' Novembru 2010 u jikkancella l-penali amministrattiva ta' €50 u l-hames punti ta' penali li gew imposti fuq ir-Rikorent b'dik id-decizjoni.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu ta' l-Awtorità intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------